# IL-MUŻEW TAS-SANTWARJU 1954-1994



*minn Karm Bonavia*

"It-telfa ta' bosta oġġetti ta' devozzjoni u ta' valur storiku kbir minħabba lokal xieraq fejn jintrefgħu, ħassejtu minn ftit jiem wara li sirt Kappillan f'Ħaż-Żabbar". Hekk stqarr il-Kappillan Dun Ġużepp Zarb, fid-daħla għal ġabra ta' dokumenti fl-Arkivju tal-Parroċċa[1]. L-istess ħsieb reġa' tennieh meta kiteb fuq il-Mużew tas-Santwarju fil-ktieb "Żjara lill-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar" fl-1972[2].

Din il-weġgħa ta' qalb li mal-medda tas-snin laħqu ntilfu bosta teżori ta' l-arti u xhieda qawwija tad-devozzjoni kbira lejn il-Madonna tal-Grazzja, ġiegħlet lill-Kappillan Zarb iħabrek biex jinbena lokal xieraq għall-konservazzjoni u l-ħarsien ta' dak li kien baqa' mingħajr telf ta' żmien.

Meta ġie Ħaż-Żabbar fl-1943 il-Kappillan Zarb, iż-żmien ma kienx addattat biex jibda dil-biċċa xogħol. Iżda baqgħet f'moħħu u dejjem quddiem għajnejh. Kien hemm is-Santwarju, għeri minn kull tiżjin xieraq, skultura u tgħamir ieħor ta' ħtieġa li ried isir.

Fuq kollox u qabel kollox il-poplu u l-Kappillan xtaqu li sseħħ il-ħolma tagħhom li jaraw ix-xbiha għażiża tal-Madonna inkurunata sollennement. Iżda qabel ma titressaq it-talba għall-Inkurunazzjoni lill-Vatikan, kien jeħtieġ isir studju serju ta' l-iżvilupp u xhieda ta' din id-devozzjoni lejn din ix-xbiha. Kull talba riedet tkun imsaħħa minn dokumenti u xhieda oħra ta' grazzji kbar maqlugħa kemm fl-imgħoddi kif ukoll fil-preżent. Fil-fatt it-talba għall-Inkurunazzjoni issejset fuq kemm kienet antika d-devozzjoni u kemm inqalgħu grazzji kbar tul is-snin[3].

Matul is-sekli għadd kbir ta' grazzji inqalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Santqarju kien ċentru ta' devozzjoni kbira u minn kull rokna tal-Gżejjer Maltin kienu jiġu hawn għadd kbir ta' devoti jitolbu u jroddu ħajr 'l Alla għall-grazzji maqlugħa. Dan narawh sew fid-dokument u fl-atti tal-Viżti Pastorali ta' l-Isqfijiet mill-ewwel dokumenti li jeżistu, mill-1570 sal-lum. Kull Isqof meta żar is-Santwarju, kemm meta kien għadu daqsxejn ta' Kappella, kif ukoll meta tela' mill-ġdid, ikbar u isbaħ fuq il-pjanta ta' l-arkitett Tumas Dingli. L-Isqfijiet kollha jsemmu kemm wiegħdi u għotjiet ta' kull ġens kienu jidhru fis-Santwarju.





*Il-Gvernatur Sir Gerald Creasy waqt żjara fl-1951 jammira l-ġabra ta' ex-voto miġburin fis-sagristija*





# Il-Mużew Tas-Santwarju



Quddiem dal-għadd kbir ta' għotjiet l-Isqof Balaguer Cammarasa fl-1636 isejjaħ das-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar **"Totius omnium ecclesiarum haec devotissima est"** iġifieri "l-iżjed devot fost il-knejjes kollha ta' Malta"[4].

Iktar ma beda jiltaqa' ma' dokumenti bħal dawn u jisma' mingħand l-anzjani fuq dak li nqered matul iż-żmien, il-Kappillan Zarb, iktar beda jħabbrek u jħeġġeġ lin-nies biex ifittex jinbena Mużew tas-Santwarju. Għalhekk sakemm seta' jinbena dan il-proġett, l-oġġetti kollha ta' valur storiku u devozzjonali ġew sistemati fis-sagristija l-antika, dik tan-naħa tar-Rużarju.

Hawn il-wisa' kien żgħir wisq. L-inkwadri wiegħda (*ex-voto*) u s-suġġetta tal-Gran Mastru Hompesch sabu posthom hawnhekk, biex jiġu studjati u apprezzati. Għalkemm ma kinitx xi ħaġa kbira ħafna, iżda diġa' beda jissejjaħ "Mużew".

Għall-Festa tal-1946, fl-14 u l-15 ta' Settembru, lejliet u nhar il-Festa, is-sagristija kienet miftuħa għall-pubbliku. Fil-*Leħen is-Sewwa* dehret nota li għarrfet u ħajjret lin-nies biex waqt iż-żjara lis-Santwarju, jidħlu wkoll jaraw "il-Mużew li fih jinsabu suġġetta tal-Gran Mastru Hompesch, kwadri taż-żejt li jirrappreżentaw battalji bejn il-flotta ta' l-Ordni ta' San Ġwann u l-flotta Torka: kwadri li l-Kavallieri kienu joffru b'att ta' ringrazzjament lill-Madonna wara xi ħelsien jew xi rebħa"[5].

Għalkemm it-tħejjijiet għall-Inkoronazzjoni kienu fl-aqwa tagħhom, iżda l-ħsieb għal bini ta' mużew ma twarrabx. Il-Kappillan Zarb kien diġa' ħaseb fejn l-aħjar jinbena dan il-mużew u żamm għajnejh miftuħa sew biex iwettaq dal-ħsieb.

Hekk kif twessgħet it-triq il-ġdida ta' ħdejn is-Santwarju, sar studju kif il-pjanti se jeffettwaw dal-proġett. Fil-11 ta' Diċembru 1949, il-Kappillan talab li l-linja tat-triq il-ġdida tersaq biex setgħu jitilgħu l-imħażen li kienu twaqqgħu, dawk li kien hemm ħdejn il-Kappellun tar-Rużarju u navi. Wara ħafna taħbit u qtigħ il-qalb, it-talba tal-Knisja intlaqgħet fis-7 ta' Frar 1950, għalkemm il-linja l-ġdida ma ġietx imxanddra qabel l-ewwel jiem ta' Jannar 1953 minħabba tibdil fil-Gvern[6].

Sa dan it-tant, tħejjew disinji u pjanti għall-Mużew. Il-Perit Ġużeppi Lia għamel il-pjanti u d-disinji ħejjijhom Ġeżeppi Galea tar-Rabat. Iżda d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien sab oġġezzjoni, għax skond id-Direttur, il-Perit J. Micallef dan il-Mużew kien jistona ma' l-arkitettura tal-Knisja. Il-Kappillan Zarb ma qatax qalbu u ma kienx hemm awtorità li ma kellimix fuq is-siwi parrokkjali u nazzjonali ta' Mużew bħal dan.

Fl-aħħar il-Bord ta' l-Antikitajiet, wara li studja d-disinji u l-pjanti, għamel żjara fuq il-post. Fl-14 ta' April, il-Bord irrakkomanda lill-Gvern li mhux biss jagħti l-permessi meħtieġa iżda jinkuraġġixxi xogħlijiet bħal dawn għall-ħarsien tal-Wirt Nazzjonali — ħaġa li 40 sena ilu bil-kemm kont toħlomha inqas u inqas issemmiha jew twettaqha. Il-permess għall-bini fl-aħħar inħareġ mill-Building Board fl-24 ta' Ġunju, 1952[7].

## Xiri ta' L-Art

Il-feles art li baqa' mhux meħud għat-triq il-ġdida fil-ġenb tas-Santwarju ma kienx biżżejjed għall-bini tal-Mużew. Għalhekk kien meħtieġ li tiġi akkwistata art oħra ma' ġenbha. Dan ma kienx xogħol ħafif. L-art kienet ta' tliet sidien differenti: dik tal-familja Mifsud (ta' l-omu); tal-patrijiet Dumnikani u biċċa oħra tal-werrieta tal-baruni Salvatore Testaferrata Moroni Viani.

L-ewwel biċċa art inxtrat fl-1 ta' Lulju 1950 b'atti tan-Nutar J. Micallef Trigona ta' l-28 ta' Marzu 1950 u ieħor tal-11 ta' Lulju 1950.

***Ħaddiema jwaqqgħu il-bini biex titwessa' t-triq fil-ġenb tas-Santwarju fl-1949***



# Il-Mużew Tas-Santwarju





*Is-Santwarju bis-sagristija u xi kmamar fil-post fejn inbena l-Mużew*

Il-biċċa art art l-oħra meħtieġa għall-Mużew u għas-Sala Parrokkjali ġiet akkwistata mingħand il-Patrijiet Dumnikani tal-Birgu b'att tan-Nutar Giuseppe Sammut fid-9 ta' Awissu 1952.

Iżda l-biċċa art żgħira li kien għad fadal li tinxtara kienet ta' bosta werrieta tan-Nobbli Salvatore Testaferrata Moroni Viani. Fl-aħħar, wara paċenzja kbira, taħbit u qtigħ il-qalb intlaħaq ftehim fl-14 ta' Awissu 1952 u sar il-kuntratt quddiem in-Nutar J. Micallef Trigona bejn il-Kappillan Zarb u l-Markiż John Scicluna u l-Baruni Pietro Paulo Testaferrata Moroni Viani bħala rappreżentant tal-werrieta kollha.

## Jibda x-Xogħol

Sakemm seħħ dan l-akkwist ta' l-art kollha kien diġa' beda x-xogħol tat-tħaffir u tħammil tat-turbazz taħt il-livell ta' l-art. Bosta ħaddiema voluntiera, fosthom l-irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika, ħadmu ħafna biex sar dax-xogħol tal-qtugħ u tħammil tat-turbazz. Wieħed irid japprezza li dak iż-żmien ix-xogħol kien isir kollu bl-idejn. Wara bdew jitfasslu l-pedimenti tal-maħżen kbir taħt il-Mużew.

## L-Ewwel Ġebla

Sewwa sew għeluq sena mill-Inkurunazzjoni, nhar it-2 ta' Settembru, 1952 kollox kien lest għat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla. Mons Mikiel Gonzi, l-Arċisqof, ippresieda ċ-ċerimonja. Il-Kappillan Zarb f'diskors qasir fiehem l-importanza li wieħed iħares it-teżori storiċi, artistiċi u reliġjużi marbuta mas-Santwarju.

Fl-ewwel ġebla tqiegħdet kaxxa żgħira taċ-ċomb b'medalja tal-Madonna tal-Grazzja, oħra tal-Papa Piju XII, oħra ta' l-Arċisqof Gonzi u oħrajn. Midalja oħra kellha din il-kitba fuqha: HOC MUSEUM ZABBARENSES VIRGINI GRATIÆ SOLEMNIS CORONAT ANNIVERSARIO DICANT li bil-Malti tfisser: Dan il-Mużew, f'għeluq l-ewwel anniversarju mill-Inkurunazzjoni, iż-Żabbarin jiddedikawh lill-Madonna tal-Grazzja. Fil-kaxxa intefgħu wkoll xi muniti Maltin.

B'xhieda ta' għaqda sħieħa bejn iż-Żabbarin kollha, il-parrinijiet ta' din l-ewwel ġebla tal-Mużew kienu ż-żewġ presidenti tal-Każini tal-Banda, is-Sur Cosma Sciberras tal-Għaqda Mużikali San Mikiel u l-Ispiżjar Arthur A. Felice tas-Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiæ. L-imgħallem Salvu Buhagiar mexxa x-xogħol tal-bini.



*Wieħed mill-ewwel disinji għall-Mużew*



***Dehra ġenerali waqt iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla***

Iżda donnu l-għawġ ma kellux jintemm. Reġgħu inqalgħu mhux ftit diffikultajiet dwar id-disinji tal-Mużew mal-Bord ta' l-Estetika kif ukoll mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Ix-xogħol kellu jieqaf u għal ħafna żmien l-ewwel ġebla baqgħet waħidha tant li bdiet trabbi l-ħażiż ukoll.

B'xorti tajba malli bdiet is-Sena Marjana 1954, id-diffikultajiet kollha għebu u x-xogħol reġa' beda b'ritmu mgħaġġel ħafna.

Tul daż-żmien kollu tħejjew pjanti dettaljati. Il-Kappillan, is-Sur Galea u nies oħra li jifhmu ħadu ħsieb li l-pilastri jsiru b'mod li t-tribuna tal-kawba li fuqha saret l-Inkurunazzjoni toqgħod sew madwar dawn il-pilastri. Dan kien mod kif il-pilastri jinħbew u t-tribuna tintrama u tibqa' monument ta' l-Inkurunazzjoni. Kulħadd kien qed jittama li għat-tielet anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni, il-Mużew jiġi inawgurat.

Sa Mejju 1954, ix-xogħol tal-ġebla tista' tgħid kien lest. Meta wieħed iqis kemm hemm xogħol ta' lavur madwar it-twieqi, iċ-ċinta u l-gwarniċun jara li ma kienx faċli li jsir f'daż-żmien qasir. Ix-xogħol ta' l-iskultura speċjalment dak fil-kapitelli inbeda minnufih biex sa Settembru kollox ikun lest.

# Il-Mużew Tas-Santwarju






## L-EWWEL ĠEBLA TAL-MUŻEW

2 ta' Settembru, 1952



*L-Arċisqof Gonzi jieħu l-midaji u l-muniti f'kaxxa taċ-ċomb u jqiegħdha fl-ewwel ġebla*



*Ix-xogħol tal-bini f'April, 1954*

## Tħejjijiet

Sakemm intemm ix-xogħol tal-ġebla, saru pjanti tal-ħitan kollha biex ġie deċis fejn kull oġġett kellu jeħel. Inħadmu l-vetrini biex il-pilastri ma baqgħux jidhru u s-swali jieħdu dehra isbaħ. L-aħwa Formosa, Karmenu u Ġanni, ħasbu li jużaw kull laqxa kawba li kien għad fadal minn ta' l-*Alcantara*[8].

L-*ex-voto* kollha ġew restawrati mill-Kav. Rafel Bonnici Calì u sarulhom gwarniċi ġodda (ħaġa li forsi mhux bil-fors wieħed jaqbel magħha għal kollox).

Kienet ġirja kontra ż-żmien u l-ippjanar biss seta' jħoll u jorbot jekk sad-data stabbilita — It-Tielet Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni — ikunx lest ix-xogħol kollu.

Qrib il-festa ta' Santa Marija, inbeda x-xogħol ta' l-injam fuq ġewwa. Bdiet tintrama t-tribuna li inbidlet f'għadd ta' vetrini għar-rigali ta' l-Inkurunazzjoni u oġġetti oħra. Inħadmu l-aħjar ritratti dokumaentarji ta' ġrajjiet marbutin ma' l-Inkurunazzjoni u nstabilhom post biex jibqgħu tifkira għall-ġenerazzjonijiet ta' wara. Twaħħlu wkoll partijiet mis-sedji tal-Kor antik, xemgħa dekorat, lampieri u abiti sagri b'xogħol mill-ifjen. Saret vetrina għas-sopraporta u l-ventartal tal-maġġur.

Fis-sular ta' fuq l-abiti sagri antiki sabu posthom f'vetrina kbira. Oħra intliet b'ġabra ta' rukketti, spellizzi u albi kollha bl-isbaħ xogħol tal-bizzilla ta' Malta. Il-pittura l-kbira tal-Gran Carracca *Sant'Anna* twaħħlet u setgħet titgawda tassew. Oriġinarjament dil-pittura kienet fid-dar tal-familja Cachia magħrufa bħala *"tal-Kapumastru"*. Dil-pittura hija tassew teżor ta' l-arti u dokument importanti dwar il-flotta ta' l-Ordni. Hija l-aqwa dokument fuq *Sant'Anna* u m'hawnx pittura oħra bħalha la f'Malta u lanqas f'pajjiżi oħra fuq l-istess suġġett[9].

F'din is-sala tqiegħdu ż-żewġ suġġetti, dik tal-Gran Mastru Hompesch u oħra ta' l-aħwa Cottoner. Dik ta' Hompesch kienet ingħatat minn dan il-Gran Mastru fl-1797 flimkien maż-żewġ pitturi ta' San Ġwann Battista u San Pawl u arloġġ Malti.

Is-Suġġetta ntużat għal żmien twil biex jitwassal il-vjatku lill-morda u sofriet ħafna meta waqgħet is-sagristija bil-bombi tul l-aħħar gwerra.



# Il-Mużew Tas-Santwarju



*Mejju, 1954: Hekk kif tlesta l-bini nbdiet l-iskultura tal-kapitelli*

Is-suġġetta ta' Cottoner hija waħda mill-isbaħ li għandna Malta. Kemm għall-kundizzjoni tagħha, kif ukoll għad-dekorazzjoni artistika li fiha, dis-suġġetta hija oġġett li tiġbed l-attenzjoni ta' kull min iżur il-Mużew. Din kienet ġiet mogħtija mill-Kappillan Zarb u l-familja tiegħu. Kienet inxtrat mill-irkant ta' Mons. Vassallo ta' l-Imdina fl-1951. Il-pittura *en grisaille* fuq il-ġilda b'xeni idiliċi u pastorali jagħmlu minn din is-suġġetta, komplita bil-lasti u l-arness, tassew *object d'arte*. Meta dawn iż-żewġ suġġetti kienu f'esebizzjoni tal-Fundazzjoni Patrimonju Malti s-sena l-oħra qalgħu kummenti tassew sbieħ[10].

Id-dokumenti l-iktar importanti fl-istorja tal-Parroċċa tqiegħdu f'vetrina kif titla' t-taraġ. L-ewwel volum tal-magħmudijiet mill-1616 infetaħ fil-paġna dekorata (illuminata) li tfakkar fl-ewwel magħmudija fejn il-parrinu kien il-Gran Mastru Alof de Wignacourt, devot u benefattur tas-Santwarju. Dokumenti oħra wrew l-għotjiet lis-Santwarju minn Kavallieri u benefatturi oħrajn. Serje ta' dokumenti oħra wrew digrieti mill-Papiet dwar indulġenzi li jinqalgħu minn min jitlob jew jattendi funzjonijiet fis-Santwarju. Digriet importanti ħafna hu dak li jistqarr u jiddikjara l-Festa tal-Madonna tal-Grazzja bħala t-tifkira tar-Rebħa tal-Maltin fuq it-Torok fl-Assedju ta' 1565.

F'naħa oħra intrama l-ewwel artal ta' l-injam li kien hemm fil-kappella taċ-Ċintura u l-arloġġ ewlieni tas-Santwarju li jġib id-data 1753.

## Għotjiet

Matul it-tħejjija għal dan il-Mużew, il-Kappillan ma ħarbitlu l-ebda okkażjoni biex jakkwista għotjiet ġodda. Hekk b'radd il-ħajr għall-grazzji maqlugħa l-magħruf skultur Antonio Sciortino (1879-1947) kien wiegħed li jagħti xi oġġetti artistiċi. Huwa rregala tliet pitturi kbar li juru t-Tħabbira ta' l-Anġlu lill Marija, iż-Żjara tal-Madonna lill-Santa Elizabbetta u l-oħra d-dehra ta' l-Anġlu lil San Ġużepp biex jaħrab lejn l-Eġittu. Dawn il-pitturi sbieħ tas-17-il seklu oriġinarjament kienu f'palazz f'Ruma li waqt li Sciortino kien Ruma, il-palazz inbidel f'hotel. Sciortino xtrahom u ġiebhom Malta f'1947. Sciortino offra wkoll il-mudell oriġinali tal-ġibs għall-monument b'tifkira għall-vittmi tal-Qawwiet ta' l-Ajru Ingliżi u tal-Commonwealth li kellu jitla' barra Puturjal, flok dik l-ajkla fuq kolonna.

Il-Kav. Rafel Bonnici Calì ħejja sett pitturi ta' benefatturi tas-Santwarju: Kardinal Ruffo, il-Papa Alessandru VII, Gran Mastri Alof de Wignacourt, Lascaris, Nikola Cottoner, ħuh Rafel Cottoner u Hompesch.

## Ftuħ

Il-ġirja kontra l-ħin kompliet sal-Ħadd wara nofs inhar. Lejliet, il-Kappillan bil-kemm attenda għar-riċeviment tat-tieġ t'oħtu Helen ma' Victor Micallef, biex seta' jiġi jkompoli x-xogħol li kien għad fadal.



## INAWGURAZZJONI

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ saret il-Ħadd, 5 ta' Settembru, 1954 nhar it-Tielet Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni. Quddiem ġemgħa ta' mistednin, il-Kappillan f'diskors imqanqal wera l-ħtieġa li kienet ilha tinħass għal Mużew xieraq lis-Santwarju. Huwa semma' kemm diffikultajiet kellu jħabbat wiċċu magħhom biex dan il-proġett jitwettaq, iżda min-naħa l-oħra kemm tassew sab għajnuna minn kulħadd. "L-iżjed li sibt kuraġġ kien mill-Madonna tal-Grazzja, għax meta l-bibien kollha kienu magħluqa, meta forsi ċerti nies ma fehmux l-importanza ta' Mużew bħal dan, meta forsi jien ukoll bdejt nata' qalbi, l-Madonna fetħet il-bibien kollha u d-diffikultajiet għebu għal kollox. Mhux ta' b'xejn iċċelebrajna s-Sena Marjana. Għalhekk il-poplu Żabbari jiddedika dan il-Mużew bħala tifkira ta' dis-Sena Marjana — 1954 — bħal ma tixhed il-kitba fuq il-faċċata ta' l-istess Mużew", hekk stqarr il-Kappillan

Il-Mużew ġie inawgurat uffiċjalment mill-Onor. Dr Jackie Frendo Azzopardi, Aġent Prim Ministru. L-E.T. l-Isqof Emanuel Galea, li kien il-*locum tenens* ta' l-Arċisqof Gonzi, bierek il-Mużew. Fost il-mistednin kien hemm is-Sinjura Trafford Smith, il-mara ta' l-Aġent Gvernatur u ħabiba ħafna tan-nisa ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Ħaż-Żabbar. Kien hemm ukoll il-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. A. Paris u l-mara, il-Kav. Hannibal Scicluna, Biblijotekarju Ewlieni u dinjitarju ta' l-Ordni ta' San Ġwann, it-Tabib J.G. Baldacchino, id-Direttur tal-Mużewijiet, il-Prof. Ġużè Galea, CGMO u kittieb magħruf. Kien hemm ukoll rappreżentanti taż-żewġ baned u oħrajn mill-Għaqdiet u korpi kostitwiti[11].

Fi tmiem iċ-ċerimonja l-Kappillan ippreżenta medalja ta' tifkira flimkien ma' ċertifikat ta' ħajr lill-mistednin u l-benefatturi kollha. Il-medalja tal-bronż indurat inħadmet Milan (Italja) minn Stefano Johnson u kienet turi s-Santwarju bil-Mużew fil-ġenb u dil-kitba fuq wara: B'TIFKIRA TAL-INAWGURAZZJONI TAL-MUŻEW TAS-SANTWARJU IDDEDIKAT LIL MARIJA SSMA MILL-POPLU TA' ĦAŻ-ŻABBAR FL-OKKAŻJONI TAS-SENA MARJANA – 5 ta' Sett. 1954.

Il-mistednin imbgħad ġew imdawwra mal-Mużew mill-Kappillan u l-Kleru. Folol kbar ta' nies, kollha ħerqana ħalli jarawh, ħonqu s-swali tal-Mużew. Hekk baqa' jsir fil-jiem ta' wara u tista' tgħid fil-jiem kollha tal-festa titulari sal-lum.

*It-Tribuna tqiegħedet f'post ċentrali fil-Mużew*



# Il-Mużew Tas-Santwarju





Il-mistidnin jaraw b'attenzjoni kbira d-dokumenti fosthom l-ewwel ktieb tal-Magħmudijiet u s-suġġetta ta' Hompesch



Anno M.D.CXVI die prima mensis Iunij ego D. Angelus Pontremoli I.V.D. Parochus huius Ecclesiæ Sanctæ Mariæ della Gratia Casalis Zabar baptizaui infantulam natam ex coniugib. Ioanne & Marietta Vella huius Parrochiæ cui impositum est nomẽ Maria, Patrinus fuit Ill.s & R.mus D.D. FRATER ALOPHIVS WIGNACOVRT. Magnus Magister & Princeps noster dignissimus per procuratorem admodum Illustrem & Reuerendum Dominum fratrem Franciscum dictum Bertacourt.









## Żidiet Oħra

Issa li l-Mużew kien miftuħ, kompliet il-ħidma biex jiżdiedu l-esebiti. L-ewwel attenzjoni inxteħtet fuq il-mudell tal-vaxxell *San Giacomo* li darba kien fis-Santwarju.

Dal-mudell hu l-uniku wieħed li fadal minn x'aktarx xi sebgħa li kienu ingħataw bħala wegħda lill-Madonna tal-Grazzja. Nafu li fosthom kien hemm dawk ta' *Santa Maria* u *San Michele*. Meta kien qed isir xi xogħol fis-Santwarju, l-iżjed it-tibdil fil-kor, dawn il-mudelli ittieħdu d-dar tal-Prokuratur tal-Knisja u madwar l-1930 fid-dar tal-familja Cachia fi Triq il-Kbira (illum Dar għat-Tagħlim Nisrani). Billi dik il-ħabta din id-dar kienet isservi ta' *Ricreatorio Parrochiale* jew Dar għar-Rikrejazzjoni għas-subjien, dawn il-mudelli mhux l-ewwel darba waqgħu f'idejn it-tfal jilagħbu bihom. xi wħud minnhom ġew żarmati minn kanuni, ankri u dgħajjes ukoll.

***"Gran Carracca Sant'Anna u l-mudell tal-vaxxell "San Giacomo"***





# Il-Mużew Tas-Santwarju





*It-Titulara tal-Kappella antika Sant' Agata*

*Fuq: Adorazzjoni tal-Maġi, xogħol mill-aqwa ta' G. Arena (c. 1635-1719)*

*Taħt: Il-Kappillan Zarb jagħti tagħrif lill-mistidnin dwar il-ġabra sabiħa ta' bizzilla ta' Malta*







# Il-Mużew Tas-Santwarju



Tant kienu fi stat ħażin li waqt il-viżta pastorali ta' l-Arċisqof Mauro Caruana fl-1930, l-Arċisqof talab lill-Kappillan Catania biex jippermettilu jirrestawra wieħed minnhom u jżommu tul ħajtu fil-Palazz tiegħu fl-Imdina[12].

Il-mudell ittieħed għand is-Sur John Francis Asphar li kien joqgħod qrib il-bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa, għar-restawr. Asphar kien irrestawra xi mudelli oħra fosthom tal-Mużew Nazzjonali. Fost dawn il-mudelli Asphar ħadem ukoll fuq il-mudell tal-poppa ta' *San Giacomo* u għalhekk, naħseb jien, li kien faċli għalih li jimita d-dekorazzjoni u dettalji oħra neqsin fil-mudell ta' Ħaż-Żabbar minn fuq il-mudell tal-Mużew Nazzjonali (illum dawn il-mudelli qiegħdin fil-Mużew Marittimu, fil-Birgu)[13].

Ir-restawr ħa ħafna żmien, iżjed minn sena xogħol. L-ispejjeż kollha ħallashom l-Arċisqof Caruana. Il-Kappillan Catania tant għoġbu x-xogħol li ta rigal sabiħ lil Asphar. Dan il-mudell inżamm dejjem f'post prominenti fil-palazz ta' l-Arċisqof fl-Imdina u meta l-Arċisqof kien ikollu xi żjara minn xi persuna importanti, dejjem il-mudell kien ikun ċentru ta' konverżazzjoni.

Il-mudell tas-*San Giacomo* (1704-1718) deher l-ewwel darba fil-pubbliku fl-1949 flimkien ma' xi *ex-voto* oħra mis-Santwarju tagħna fil-Wirja Marjana "The Madonna in Art" li kienet saret fis-Seminarju l-Qadim fl-Imdina, illum il-Mużew tal-Kattidral. Il-katalgu tal-wirja, xogħol il-Kav. Vincenzo Bonello, kien jgħid "№174: Mudell ta' vaxxell tas-XVII-il seklu originarjament mis-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar, fil-preżent [1949] fil-Palazz ta' l-Arċisqof fl-Imdina"[14].

Il-Kappillan Zarb kien ilu s-snin iħejji t-triq għar-ritorn ta' dal-mudell. Iżda billi għad ma kienx hawn lokal xieraq fejn jinżamm, dejjem stenna li jkun lest il-Mużew biex iressaq it-talba formali. Wara l-mewt ta' l-Arċisqof Caruana dan il-mudell tniżżel fl-inventarju tal-Palazz u biex jerġa' jiġi lura Ħaż-Żabbar issa kienet meħtieġa ċerta proċedura legali.

Fit-8 ta' Awissu 1956, il-Kappillan Zarb ressaq it-talba lill-Arċisqof Gonzi biex il-mudell tas-*San Giacomo* jingħata lura lis-Santwarju. F'din it-talba il-Kappillan wera ċ-ċirkostanzi kollha kif il-mudell sab ruħu l-Imdina, li kien wiegħda lill-Madonna tal-Grazzja u li kien ittieħed minn hemm għar-restawr. Wara l-mewt ta' l-Arċisqof Caruana kellu jiġi mogħti lura lill-Parroċċa. Iċ-ċirkostanzi kollha kienu dokumentati b'dikjarazzjonijiet bil-ġurament quddiem nutar pubbliku. Fost dawn id-dikjarazzjonijiet hemm dik ta' Dun Karm Farrugia li fl-1930 kien Kappillan ta' l-Arċisqof Caruana. Xehdet ukoll it-tifla tas-Sur John Francis Asphar, is-Sinjura Agnes Asphar, oħtha Elizabeth, miżżewġa lis-Sur Fons Maria Galea u binhom l-Avukat tal-Kuruna Dr Louis Galea. Id-dikjarazzjonijiet bil-ġurament saru quddiem in-Nutar J. Micallef Trigona nhar il-25 ta' Marzu 1955 u ta' Dr Galea fis-7 ta' April 1955[15].

Quddiem dawn ix-xhieda, il-Kapitlu tal-Kattidral, li kien jagħti pariri lill-Arċisqof, aċċetta unanimament it-talba tal-kappillan fit-2 ta' Awissu 1955[16].

Il-mudell tal-vaxxell *San Giacomo* ġie trasferit mill-Imdina għal Ħaż-Żabbar u tqiegħed fil-Mużew nhar it-18 ta' Settembru, 1956.




***L-Affresk tal-Madonna tal-Grazzja wara r-restawr***

## Affresk tal-Madonna

F'inqas minn xahar wara l-ftuħ tal-Mużew, waqt xogħol ta' tiswija u bini fil-Knisja ta' Santa Domenika, tfaċċa affresk bil-Madonna tal-Grazzja. L-affresk kien it-titular tal-kappella, iżda maż-żmien tgħatta u ntesa għal kollox. Għalkemm l-affresk sofra ħafna ħsarat, ix-xbiha tal-Madonna tal-Grazzja baqgħet sabiħa. Fil-ġenb kellha 'l Santa Katerina ta' Lixandra, li baqgħet tidher ukoll, iżda Santa Domenika kienet mitlufa għal kollox.

B'kapaċità kbira, paċenzja iżda fuq kollox imħabba lejn il-Madonna u l-arti, il-Kav. Rafel Bonnici Calì irnexxielu jaqla' l-affresk kollu u restawrah. Sena wara huwa ppreżentah lill-Kappillan Zarb u offra x-xogħol kollu b'xejn bħala radd il-ħajr lill-Madonna għall-fejqan ta' oħtu. Minn dak in-nhar, dan l-affresk, l-eqdem xbiha tal-Madonna tal-Grazzja li għandna f'Ħaż-Żabbar, ġibed l-attensjoni ta' bosta studjużi ta' l-arti f'pajjiżna.

# Il-Mużew Tas-Santwarju





## Kurazza ta' Kavallier

Minħabba r-rabta kbira tas-Santwarju mal-Kavallieri ta' San Ġwann, kien xieraq ħafna li jkollna kurazza sħiħa a' kavallier. Fl-imgħoddi s-Sanwarju kellu ħafna minn dawn it-tifkiriet, iżda maż-żmien intilfu jew għebu.

Fl-1959, fit-23 ta' April, miet il-Mons. Peter Francis Cavendish, li kien ukoll Kappillan Konventwali ta' l-Ordni ta' San Ġwann[17]. Mons Cavenish kellu ħafna kotba u oġġetti ta' l-arti fuq l-Ordni ta' San Ġwann. Fosthom kellu korazza kompluta ta' Kavallier, bħal dawk ta' l-Armerija fil-Palazz tal-Belt. Malli l-Kappillan sar jaf li se jsir irkant ta' bosta minn dawn l-oġġetti, żamm għajnejh miftuħa, u qalli biex noqgħod attent għad-data.

L-irkant tmexxa minn Albert Darmenia u beda nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju, 1959 u kompla fil-jiem ta' wara fil-flat Nru 1 ta' 5 Triq il-Merkanti, il-Belt, fejn kien joqgħod Mons Cavendish[18]. Billi l-kurazza kellha tinbiegh is-Sibt wara nofs inhar, bagħat lili biex nixtriha għal ismu. Irnexxieli nixtriha u ġibniha Ħaż-Żabbar nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 1959.

Il-kurazza hija waħda mill-isbaħ. Fiha dekorazzjonijiet arabeski, maħdumin bl-*aqua fortis*. Hi komplita bl-elmu u t-tarka, kollox stil wieħed u mhux imlaqqta biċċa minn hawn u biċċa minn hemm. Mhix faċli li ssib kurazza hekk f'din il-kundizzjoni.

Kif xtrajniha, ġrew xi xnigħat li l-gvern kien se jirrekwiżizzjonha, għax kompliti għandu biss xi sitta jew sebgħa. Iżda meta sar magħruf li dil-kurazza se tkun f'mużew, it-talba tal-gvern qatt ma seħħet.



*Kurazza ta' Kavallier, komplita bit-tarka tagħha*





Hekk kif studjajniha, xtaqt inġib xi fehmiet fuqha minn esperti. Bagħtna ritratti iddettajati Londra u Torin, fejn hemm l-aqwa żewġ armeriji fid-dinja: dik tat-Tower of London u dik Reale ta' Torin, fl-Italja.

Iż-żewġ esperti, ta' Londra u ta' Torin, qalulna li l-kurazza hija ġenwina, mhix magħmula għall-ornament biss. X'aktarx inħadmet b'dawk l-ornamenti kollha biex isservi għaċ-ċerimonji, iżjed milli għall-kamp tal-battalja[19]. Kurazzi ornati bħalha hemm ukoll fl-Armerija tal-Palazz il-Belt.

## Sala Colbert

Fl-1963 is-sagristija l-antika, dik tan-naħa tal-kappellun tar-Rużarju u l-kmamar ta' magħha inħattu biex saret sala waħda, kbira kemm ippermetta l-ispazju ta' l-art. Fuqha telgħet ukoll sala b'żieda mal-Mużew.

Fis-sagristija saru gwardarobbi tal-kawba ġodda u sett pitturi li juru ġrajjiet importanti marbutin mad-devozzjoni lejn il-Madonna.

Fis-sala l-ġdida tal-Mużew tqiegħdu wkoll gwardarobbi u bankun kbir biex jintrefa' t-tiżjin u l-armar tas-Santwarju. Mal-ħitan twaħħlu sett pitturi, xogħol l-artisti Horatio Serge, li juru l-battalji li ħa sehem fihom il-Ġeneral tax-Xwieni ta' l-Ordni, Antonio Martino Colbert. Għalhekk is-sala ssemmiet "Sala Colbert".

A.M. Colbert kien iben Gian Battista Colbert (1620-1683), il-magħruf Prim Ministru tas-Sultan Franċiż, Lwiġi XIV. Antono Martino kien Balì Kapitulari fl-Ordni ta' San Ġwann. Huwa laħaq Kaptan tax-Xwieni fit-30 ta' Settembru, 1681 u serva f'din il-kariga għal ftit iktar minn sentejn[20].

A.M. Colbert kien ta' sehem importanti bix-xwieni ta' l-Ordni waqt l-assedju ta' Vjenna mit-Torok fl-1683. Ir-rebħa inkisbet mill-Insara, eżatt meta f'Ħaż-Żabbar kien qed isir talb ħerqan għall-ħelsien ta' Vjenna, nhar il-Festa tal-Madonna tal-Grazzja, fit-12 ta' Settembru, 1683[21].

Wara din ir-rebħa Colbert ġie jrodd ħajr 'il-Madonna u offra l-istandard tax-xini Kaptana u salib tal-fidda.

L-istandard kien juri l-Madonna b'San Ġwann Battista u kellu tliet armi[22]. L-istandard maż-żmien inqered, iżda 40 sena ilu saret replika tiegħu fuq deskrizzjoni li hemm fl-inventarju ta' l-1699. Is-salib li offra Colbert b'xorti tajba għadu għandna u jintuża fil-proċessjoni tal-festa u okkażjonijiet solenni.

Fis-Sala Colbert twaħħlu wkoll it-titulari antiki tas-Santwarju u pittura ta' Colbert.

## Vulcan

Fl-1991 saru xi xogħlijiet fil-Mużew u żdiedet kamra mdaqqsa mas-Sala Colbert. Fil-kamra l-ġdida tqiegħdu l-fdalijiet u tifkiriet oħra tal-Vulcan XM645 li kien sploda fuq Ħaż-Żabbar fl-14 ta' Ottubru 1975. Dawn it-tifkiriet jiġbdu l-interess ta' ħafna viżitaturi, fosthom nies li jiġu mill-vittmi. Xi qraba ġabu wkoll tifkiriet ta' servizzi reliġjużi li kienu saru għalihom l-Ingilterra[23].

*Il-karru tal-mejtin tal-pesta ta' l-1813*





# Il-Mużew Tas-Santwarju

F'Jannar li għadda, il-Mużew żied esebit ieħor li konna ilna nittamaw li narawh f'postu. Fil-kannirja tal-Knisja kien hemm karru tal-mejtin, li wara li ttella' u tnaddaf, irriżulta li kien użat fil-pesta tal-1813. Issa qed jiġi restawrat u diġa sab postu fis-sala ta' fuq fil-Mużew. Sa issa dan hu l-uniku karru tat-tip tiegħu li hawn Malta[24].

Illum il-Mużew tas-Santwarju hu meqjus bħala wieħed mill-aqwa tal-Gżejjer Maltin. Bosta viżitaturi jibqgħu mistagħġba kif irnexxielna niġbru u nsalvaw daqshekk oġġetti ta' valur storiku u artistiku. F'Jannar li għadda, il-parteċipanti f'simpożju internazzjonali fuq il-Mużewijiet tal-Kattidrali u Knejjes, meta żaru l-Mużew tas-Santwarju baqgħu mistagħġba b'dak li raw u esprimew l-apprezzament tagħhom lejn il-parroċċa b'mod speċjali lejn il-Kappillan Zarb li 40 sena ilu irnexxielu jagħmel dak li djoċesijiet oħra lanqas biss ħolmu li jagħmlu.

Illum il-Mużew tas-Santwarju sar ċentru ta' studju fuq storja u arti. Huwa xhieda ta' ħajja reliġjuża, espressjoni ta' fidi qawwija f'Alla u fl-interċessjoni tal-Madonna. Huwa leħen li ma jieqafx ifaħħar 'l Alla u lill-Madonna.

**Noti u Referenzi**

1 A(rkivju) P(arroċċa) Ż(abbar), Ġ(rajjiet) A(ttivitajiet) u O(pri), Vol III, p 235
2 Zarb, Gius, *Żjara lill-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar*, 1972, p 54
3 APŻ, ĠAO, Vol II, pp 11-16
4 Arkivju Arċidjoċesi ta' Malta, *Visitatio Pastoralis 1631*, p 71
5 *Leħen is-Sewwa*, 14 ta' Settembru, 1946, p 5
6 APŻ, ĠAO, Vol III, p 263
7 *ibid*, Dokument 6, p 263. Ara wkoll il-kontribuzzjonijiet mill-Periti Renato La Ferla u J. A. Tonna u dawk ta' ARS 'u ARS 2 - f'Leħen is-Sewwa ta' 3.9.1958, p6, 27.9, p3; 25.10, p3; 19.11, p3; 22.11, pp 3&6; 25.2.59, p3; 4.3, p7; 1.4, p3; 8.8, p3; 12.8, p3; 19.8, p3; 26.8, p3; 16.9, p2; 28.10, p6.
8 L(eħen) Is-S(antwarju) Nru 60 (Sett. 1991), p 30
9 Muscat, Joseph, *Il-Karrakka Sant'Anna*, LS Nru 55 (Sett 1990) pp3-16
10 De Piro, Nicholas, *The Sedan Chair in Malta: Is-Suġġetta*, Fundazzjoni Patrimonju Malti, 1993, pp 65-69
11 *Times of Malta*, 7 ta' Settembru, 1954 p 9; u 13 ta' Settembru, 1954, p 4
12 APŻ, ĠAO, Vol III, p 271
13 *ibid*, pp 277-279
14 Bonello, Vincenzo, *The Madonna in Art*, 1949, p 55
15 APŻ, *ibid*, pp 271-279
16 APŻ, *ibid*, pp 269-270
17 Arkivju Parrokkjali Kattidral, Mdina, *Liber Defunctorum*, Vol XII, f368 u Reġistru Pubbliku, Valletta; Act of Death № 1054/1959
18 STOM, 12 ta' Lulju, 1959, p 3; TOM, 13 ta' Lulju, 1959, p 8
19 Ittri lill-awtur, 10 ta' Awissu, 1959
20 Arkivju Ordni ta' San Ġwann Vol 1759, *Sopra il buon governo delle galere*, ff 79 et seq
21 Bonavia, Karm, *12 ta' Settembru 1683: Il-Festa 300 Sena Ilu*, LS Nru 20 (Settembru 1983) pp 2 et seq
22 APŻ, *Memorie*, f 27r
23 LS Nru 42 (Frar-Marzu 1988) p 11; Nru 67 (Frar-Marzu 1993) p 7
24 LS Nru 72 (Frar-Marzu 1994) p 17

***Delegati tas-Simposju Internazzjonali fuq il-Mużewijiet tal-Kattidrali u Santwarji waqt iż-żjara tagħhom fil-Mużew f'Jannar li għadda***





*Bl-arkitettura klassika tiegħu il-Mużew sebbaħ l-ambjent tas-Santwarju*

# 1954-1994



*Wiegħda mill-ekwipaġġ tal-galera maġistrali SAN GIOVANNI wara li ħeles mit-tempesta tad-9 ta' Frar, 1704. Waħda mill-aħjar pitturi ta' Galera*



*Fuq: Wiegħda mill-ekwipaġġ tal-galera SAN ANTONIO taħt il-kmand tal-Kaptan Fra Francesco Guinebauld wara l-ħelsien mill-maltempata tad-19 ta' Diċembru, 1730*



*Is-Suġġetta tal-Gran Mastru Rafel/ Nikola Cottoner, waħda mill-isbaħ li għandna Malta*



*Wiegħda mill-baħrin u l-kmandant tal-galera SAN RAIMONDO wara t-tempesta ta' 1704*



*Kwadru wiegħda, stil ta' ikona griega mogħti wara tempesta. Fih jidhru l-Madonna tal-Grazzja u l-qaddisin San Ġwann l-Evanġelista, San Charalamp u San Ġorġ*








*Lampier tal-fidda mogħti b'wiegħda mill-Kavallier Fra Francesco de Morges Ventavon, bejn l-1684 u 1696*



ĦAJR

Ritratti:
Faċċata ta' dil ħarġa u tan-Nru 70, Markiż Anthony Cassar de Sain
Qoxra wara: Patrick Fenech
Colour Separations:
Said International Ltd
Fondazzjoni Patrimonju Malti




*Kwadru wiegħda mogħti mill-Kav. Filippo Maruscelli wara l-maltempata tat-18 ta' Diċembru, 1730*



*Akwarell iffirmat G. Coleiro, mogħti bħala wiegħda minn sajjieda Maltin li għal jumejn intilfu f'maltempata u reġgħu lura lejn il-port fit-2 ta' Settembru, 1911*




*Wiegħda minn Rafel Attard li salva wara li t-tanker JUNKO inqasam u għereq fil-Bajja ta' Biscay nhar is-27 ta' Jannar, 1951*